# ĊIRKULARI

**Data: 8 ta' Ottubru 2019** **Ref: DDLTS 32/2019**

**Għal: Kapijiet tan-Netwerk tal-Kulleġġi u Kapijiet tal-iskejjel Primarji tal-Istat u Mhux Stat**

**Minn: Direttur, Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali (DDLTS)**

**Subject: Programm Pilota Mightifier: Tagħlim Soċjali U Emozzjonali, Is-Saħħa Mentali U Sigurta` fl-Iskola**

---

L-edukaturi fl-iskejjel Primarji huma mħeġġa jissieħbu fil-programm pilota Mightifier billi japplikaw fuq http://bit.ly/DLmightifier sat-18 ta ' Ottubru 2019.

Agħti aċċess b'xejn lill-istudenti tiegħek għall-Mightifier. Din hija applikazzjoni edukattiva li toffri tagħlim pożittiv u tgħin lill-istudenti fl-iżvilupp tal-karattru tagħhom u fil-ħiliet soċjali f'ambjent sigur. Bl-Mightifier, l-istudenti jitgħallmu jikkomunikaw b'mod pożittiv bejniethom biex b'hekk titjieb il-kultura pożittiva fl-iskola.

Il-programm pilota Mightifier huwa programm ta' 12-il ġimgħa. Inti tista' tibbenefika minn eżerċizzji u lezzjonijiet ta' madwar 30 minuta kull ġimgħa. Dawn jistgħu jintużaw f'suġġetti differenti fil-klassijiet kollha tal-Primarja. Il-programm jibda b'taħriġ qasir ta' siegħa u nofs dwar funzjonijiet differenti tal- Mightifier u kif jista' jintuża. Il-Mightifier joffri servizz t'għajnuna lill-għalliema fejn ikunu jistgħu jistaqsu l-mistoqsijiet tagħhom dwar dan il-programm. Fl-aħħar tat-tnax-il ġimgħa l-għalliema jwieġbu xi mistoqsijiet dwar l-esperjenza tagħhom u tal-istudenti, kif ukoll dwar x'impatt kellu dan it-tagħlim.

Biex jinkisbu r-riżultati mixtieqa, l-għalliema huma mħeġġa li jagħmlu l-programm kollu tat-tnax-il ġimgħa u jieħdu sehem fi kwestjonarju ta' madwar 15-20 minuta. Wara l-proġett pilota, it-tim tal-Mightifier se jipprovdi gwida lid-Direttorat tal-Litteriżmu Diġitali (DDLTS) dwar kif mar il-proġett, x'kien l-użu u l-impatt, kif ukoll x'tista' tkun it-triq 'il quddiem.

Kun af aktar dwar Mightifier fuq https://mightifier.com/benefits/
Għal aktar tagħrif u/jew mistoqsijiet ikkuntatjana fuq digital-literacy@ilearn.edu.mt

Grazzi tal-kooperazzjoni tiegħek.

**Grazio Grixti**
**Direttur**
**Direttorat għal-Litteriżmu Diġitali u Ħiliet Transversali**